**MIDALJA TAD-DEHEB**

**"ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI"**

Reġa' wasal iż-żmien li l-Akkademja tal-Malti tonora b'midalja tad-deheb lil dik il-persuna li tul ħajjitha tkun ħadmet bis-sħiħ u tat kontribut eċċezzjonali biex jiżdied l-interess fl-ilsien Malti u l-letteratura tiegħu.

Fil-jiem li ġejjin l-imsieħba tal-Akkademja tal-Malti se jkunu qed jinnominaw dik il-persuna li fl-opinjoni tagħhom ħadmet għall-ilsien Malti u jixirqilha dan l-unur.

Il-midalja tingħata f'Jum l-Akkademja (14 ta' Novembru 2017) mill-President ta' Malta f'ċerimonja f'wieħed mill-palazzi tal-President u li għaliha jkunu mistiedna l-membri kollha flimkien mal-qraba tar-rebbieħ. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-midalja tista' tingħata lil aktar minn persuna waħda fl-istess ċerimonja, skont kif tiddeċiedi l-ġurija.

Il-ġurija hija magħmula mill-President tal-Akkademja, il-President tal-Kunsill tal-Malti u l-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università.

Din l-onorifiċenza tnediet mill-Akkademja s-sena li għaddiet u l-ewwel midalja ngħatat lill-Prof. Oliver Friggieri. L-investitura saret mill-E.T. l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca fis-Sala tat-Tron, fil-Palazz il-Belt.

Sergio Grech
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

17 ta' Awwissu 2017

President – Dr Mario Cassar | Viċi President – David Agius Muscat | Segretarju – Joseph P. Borg | Teżoriera – Phyllis Debono
Assistent Segretarju – Reno Fenech | Assistenta Teżoriera – Ann Marie Schembri
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Sergio Grech
Membri – Rita Saliba, Dr George Farrugia, Dr Olvin Vella